## Minuti

**Seduta Nru. 22/2016**

Data: It-Tnejn, 30 ta' Gunju 2016

Ħin: 6:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson*
Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson
Sur Jimmy Zahra – *Membru*
Sur Manuel Galea – Membru

Skużat Sur Owen Patrick Attard – *Membru*

*Sjr Karen Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:00 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

1. **Minuti**

435 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 21/2016 kif moqrija.

2. **Korrezzjoni tal-Minuti**

436 Saret korrezzjoni tal-Minuti fuq talba tas-Sinjura Deborah Galea, dwar Punt Nru 421.

3. **Punti mqajma mill-Minuti**

437 Dwar Punt Nru 421 - Iċ-Chairman infurma li bħalissa l-persuna responsabbli tinsab Out Of Office, għaldaqstant il-Kumitat ikollu jistenna li tirritorna lura.

438 Dwar Punt Nru 420 – Jeħtieġ li ssir talba sabiex tiġi nstallaba bollard tal-plastic ġdida.

439 Dwar Punt Nru 422 – Iċ-Chairman staqsa jekk it-tindif tlestix. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li t-tindif sar.

440 Dwar Punt Nru 424 – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bdiet tinħadem it-tender.

441 Dwar Punt Nru 425 – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ddiskutiet mal-membri tal-Kunsill u kellu jingħata risposta, iżda s'issa ma kellha xejn.

442 Dwar Punt Nru 429 – L-Aġent Seg. Eżekuttiv ippreżentat kopja ta' korrispondenza mibgħuta mis-Sur Andrew Haig, minn Transport Malta, dwar ir-rotta Nru 122.

443 Dwar Puntu Nru 430 - Rroad hump fi Triq Indri Grima sabiex titwal u ssir minn bankina sa bankina. Ic-Chairman issuġġerixxa li din l-issue tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

444 Dwar Punt Nru 432 – Ġie suġġeriet li titressaq talba għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali B'Kara.

445 Dwar Punt Nru 433 – Il-Viċi Chairman, is-Sinjura Deborah Galea nfurmat li qed ikun hemm ħafna vetturi bi pjanċi barranin li qed joħolqu ħafna nkonvenjenti.

**4. Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Msida/Kumitat Amministrattiv Swatar**

446 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva li l-Kunsill joħroġ is-Sejħa għal Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida. Fir-rigward tal-Kumitat Amministrattiv, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali se jkun qed jappunta Aġent Segretarju Eżekuttiv. Ic-Chairman fisser li dan se joħloq aktar kunflitti, għax b'hekk l-Aġent Segretarju se jispiċċa jikkomunika ma' żewġ Segretarji Eżekuttivi u mhux ma' wieħed biss.

**5. Ħwejjeġ Oħra**

447 Ic-Chairman infurma li fi Triq il-Balliju Guttenberg inqalgħu biċċtejn mill-isleeping Police. Jeħtieġ li ssir manutenzjoni mill-aktar fis.

448 Is-Sur Owen P. Attard staqsa dwar it-Torri tal-Belveder, jekk hux propjeta' privata jew tad-Dipartiment tal-Artijiet. Dan għaliex kieku huwa tad-Dipartiment tal-Artijiet titressaq proposta sabiex jiġi rrestawrat.

449 Is-Sur Owen P. Attard ġibed l-attenzjoni li l-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv ilhom minn Frar ma jiġu uploaded fil-website. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħadet nota sabiex tinfurma lill-istaff b'mod immedjat.

**6. Aġġornament**

450 Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju, 2016 fis-6:00pm.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 hrs.

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion<br>*Chairperson* | KAREN CAMILLERI.<br>~~Christopher Cutajar~~<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data tal-approvazzjoni: ____________________